KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
*Città Ferdinand*

# Rapport Amministrattiv
# Jannar – Diċembru 2025

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
*Città Ferdinand*

# Contents

Introduzzjoni mis-Sindku ........ 3
Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ........ 4
L-amministrazzjoni ........ 5
Dekasteri u Responsabiltajiet ........ 5
Seduti tal-Kunsill ........ 7
Attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti Jannar-Diċembru (id-9 leġislatura) ........ 7
Ilmenti ........ 8
Ingaġġ ta' impjegati klerikali ........ 10
Allokazzjoni finanzjarja ........ 10
Skemi Finanzjarji ........ 11
Ambjent ........ 14
Azzjoni fuq żvillup illegali fis-Siġġiewi ........ 14
Iktar ħidma favur l-indafa fil-lokalita' ........ 14
Infrastruttura u sigurtà ........ 15
Kultura, Edukazzjoni u Sports ........ 18
Ġemellaġġi ........ 19
Saħħa ........ 19
Servizz lil Anzjani Siġġiwin ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi ........ 20
Għajnuna u kollaborazzjoni mir-Reġjun Punent ........ 21
Għajnuna kontinwa lill-għaqdiet Siġġiwin ........ 21
Servizzi offruti u utilitajiet ........ 22
Kuntatt mar-residenti ........ 22

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**Introduzzjoni mis-Sindku**

Huwa unur għalija li nippreżenta dan ir-Rapport Annwali Amministrattiv, li jirrifletti l-ħidma, l-impenn u r-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali lejn il-komunità tagħna. Matul is-sena li għaddiet, komplejna naħdmu fuq numru ta' inizjattivi u proġetti mmirati lejn it-titjib tal-infrastruttura u l-ambjent tal-lokalità, it-tisħiħ tas-servizzi offruti lir-residenti, kif ukoll il-promozzjoni ta' attivitajiet kulturali u soċjali li jkomplu jagħmlu l-lokalità tagħna post aħjar fejn wieħed jgħix, jaħdem u jqatta' l-ħin liberu tiegħu.

Dan ir-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-proġetti u l-attivitajiet li twettqu matul is-sena, l-impatt tagħhom fuq il-komunità, kif ukoll il-prijoritajiet u l-pjanijiet tagħna għall-futur. Filwaqt li ninsabu sodisfatti bil-progress li sar, nibqgħu konxji li dejjem hemm opportunitajiet ġodda biex intejbu s-servizzi u nwieġbu aħjar għall-ħtiġijiet tar-residenti tagħna. Permezz tal-kollaborazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' kulħadd, nistgħu nkomplu nibnu lokalità aktar moderna, inklussiva u sostenibbli.

Nixtieq nesprimi l-apprezzament sinċier tiegħi lil sħabi l-Kunsilliera Lokali, lis-Segretarju Eżekuttiv, lill-membri kollha tal-istaff, kif ukoll lill-kuntratturi u lill-entitajiet li kkollaboraw mal-Kunsill matul is-sena. Il-kontribut u d-dedikazzjoni tagħhom kienu essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti u biex jitwasslu servizzi ta' kwalità lill-komunità.

Ninsab fiduċjuż li dan ir-rapport juri b'mod ċar l-impenn kontinwu tagħna lejn il-ġid tal-komunità u l-futur tagħha, filwaqt li nkomplu naħdmu biex inwettqu l-viżjoni tagħna ta' Kunsill li jaqdi lir-residenti b'effiċjenza, trasparenza u dedikazzjoni.

Tislijiet,

**Il-Perit Julian Borg**
***Sindku***
***Kunsill Lokali is-Siġġiewi***

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**Rendikont ta' Ħidma 2025 - Sena ta' impenn b'saħħtu mill-Kunsill Lokali is-Siġġiewi**

L-iskop ta' dan id-dokument hu sabiex jagħti rendikont tal-ħidma b'mod ġenerali mwettqa mill-Kunsill Lokali is-Siġġiewi matul is-sena 2025, filwaqt li jelenka l-programm ta' ħidma għall-2026, f'diversi setturi kif elenkat f'dan ir-rapport.

**Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, Citta' Ferdinand, belt b'popolazzjoni li llum qorbot id-9000, huwa magħmul minn seba' Kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu tas-Siġġiewi. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabiltajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' tlett impjegati amministrattivi. Kull Kunsillier huwa assenjat b'responsabiltajiet hekk kif elenkati fl-erbatax il-Skeda.

Bħalissa l-Kunsill għandu tlett ħaddiema assenjati minn skemi ta' RSSL (2) u CWS (1) biex jgħinu fl-operat ta' kuljum, kemm fix-xogħol tal-uffiċċju u anka xogħol ta' manutenzjoni ġenerali. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien kompost minn :

Julian Borg - Sindku
Ryan Cachia – Viċi Sindku
Christopher Farrugia
Francine Farrugia (irriżenjat fit-8/8/2025 – Seduta 476 tal-11/8/25)
Dominic Grech
Albert Pace
Charles Vassallo
Stephanie Vassallo ( maħtura Sed. 477 tal-15/9/25 wara r-riżenja tal-Kunsilliera F. Farrugia)

Fit-8/8/25, il-Kunsillier Francine Farrugia rriżenjat minn Kunsilliera fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi permezz ta' ittra bid-data tas- 7 ta' Awwissu 2025 wara li tressqet quddiem il-Qorti b'akkuzi serji b'rabta mal-impjieg tagħha mal- MCAST. F'Seduta 476 tal-11 t'Awissu 2025, il-Kunsill unanimament qabel li jsir audit report indipendenti dwar il-finanzi kollha tal- Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li jkun ikopri l-perijodu kollu meta Francine Farrugia serviet bħala Kunsilliera fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u cjoe minn Lulju 2019 sas-7 ta' Awwissu 2025, liema audit report jidentifika ir- responsabbilta' ta' kwalunkwe nuqqas. F'Seduta 477 tal-15/9/25, ġiet maħtura Kunsilliera is-Sra. Stephanie Vassallo għal post vakat wara r-riżenja.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra Ritienne Giorgino, li fil-kariga tagħha ta' Kap Amministrattiv, Eżekuttiv u Finanzjarju hija responsabbli mit-tmexxija ta' kuljum tal-operat tal-Kunsill. Hija tassigura l-kontinwità tas-servizzi u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li tiżgura li l-proċeduri amministrattivi, finanzjarji u operattivi jiġu segwiti b'mod korrett u skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tat-tmexxija tagħha, il-Kunsill ikompli jipprovdi servizzi

effiċjenti lir-residenti u jiżgura li l-ħidma u l-proġetti tal-lokalità jitwettqu b'responsabbiltà, trasparenza u konformità mal-liġi.

**L-amministrazzjoni**

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi hija komposta minn:

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv: | Ms. Ritienne Giorgino |
| Impjegati klerikali: | Ms. Maria Muscat (Assistent Prinċipal u Deputat Segretarju Eżekuttiv), |
| | Ms. Martina Galea (Uffiċjal Eżekuttiv – Assistent Prinċipal) |
| | Ms. Leanne Mifsud (Front-Office u Customer Care Clerk sa Settembru 2025) |
| | Ms. Hannah Attard (Front-Office u Customer Care Clerk minn Diċembru 2025) |

Is-Sinjura Maria Muscat tokkupa l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, maħtura skont l-Artikolu 50 tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolament 7 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.20 dwar ir-Riżorsi Umani fil-Kunsilli Lokali. Fil-qadi ta' dmirijietha, hija tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fit-tmexxija amministrattiva tal-Kunsill u tassigura l-kontinwità tas-servizzi meta jkun meħtieġ.

Wara r-riżenja ta' Ms. Mifsud mill-impjieg tagħha mal-Kunsill, ġiet ingaġġata s-Sinjura Hannah Attard f'Diċembru, wara li ġiet segwita l-proċedura ta' reklutaġġ prevista għall-kariga fuq Skala 15.

Il-Kunsill Lokali jagħti importanza kbira lit-taħriġ u l-iżvilupp professjonali tal-impjegati tiegħu. Għal dan il-għan, il-membri tal-istaff amministrattiv huma mħeġġa jattendu diversi korsijiet, seminars u sessjonijiet ta' taħriġ relatati kemm mad-dmirijiet professjonali tagħhom kif ukoll ma' suġġetti ta' interess ġenerali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom. Dawn l-opportunitajiet ta' taħriġ jiġu organizzati minn diversi entitajiet, fosthom l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ir-Reġjun Punent u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**Dekasteri u Responsabiltajiet**

Il-Kunsilliera komplew iwettqu r-responsabbiltajiet assenjati lilhom skont id-dispożizzjonijiet tat-Tnax-il Skeda tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta). Id-dekasteri rispettivi tagħhom ġew assenjati permezz tad-deċiżjonijiet meħuda fis-Seduta Nru. 457, kif muri fit-tabella li ġejja.

Fis-Seduta Nru. 477, il-Kunsill approva l-assenjazzjoni tad-dekasteru tal-Edukazzjoni lill-Kunsilliera Stephanie Vassallo, li jinkludi fost oħrajn il-Librerija Pubblika, l-Eko-Skola, l-inizjattivi relatati maż-Żgħażagħ u t-Tfal, kif ukoll il-Ħarsien tal-Annimali.

**Il-Perit Julian Borg – Sindku**

**Dekasteri: Ambjent, Infrastruttura u Proġetti**
Responsabiltajiet oħra:

- Finanzi
- Ġemellaġġi u relazzjonijiet internazzjonali

- Rappreżentanza fir-Reġjun Punent
- Trasport Pubbliku
- Infurzar (pulizija, LESA, Transport Malta)
- Kumitat Ambjent u Siġurtà (chair)
- Kumitat Żona Ċentrali, Pjazza u l-Madwar
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi
- Attivitajiet
- Għaqdiet (flimkien ma' Ryan Cachia)
- Fuljett tal-Kunsill (flimkien ma' Francine Farrugia)

**Ryan Cachia – Viċi Sindku**
**Dekasteri: Kultura u Komunitajiet**
Responsabiltajiet oħra:

- Strateġija għat-turiżmu
- Kumitat Kultura u Wirt Storiku (chair)
- Carrying Capacity Study tal-lokalità
- Komunità Kummerċjali
- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi
- Għaqdiet (flimkien ma' Julian Borg)
- Jum is-Siġġiewi – Re-Branding u Ippjanar (flimkien ma' Dominic Grech)

**Stephanie Vassallo**
**Dekasteri: Librerija Pubblika, l-Eko-Skola, Żgħażagħ u t-Tfal, Ħarsien tal-Annimali**

**Charles Vassallo**
**Dekasteri: Indafa u Anzjani**
Responsabiltajiet oħra:

- Kura u Saħħa Pubblika
- Implimentazzjoni istema CCTV
- Innovazzjoni Diġitali fis-servizz tal-Kunsill Lokali

**Christopher Farrugia**
**Dekasteri: Sports u Attivitajiet Fiżiċi u l-Innovazzjoni**
Responsabiltajiet oħra:

- Enerġija Rinnovabbli
- Ġonna Pubbliċi

- Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tenders
- Bord ta' Interviews u Impjiegi

**Dominic Grech**
Responsabiltajiet:
- Jum is-Siġġiewi – Re-Branding u Ippjanar (flimkien ma' Ryan Cachia)
- Implimentazzjoni restawr strutturali fuq binjiet storiċi jew niċeċ b'mod partikolari Kappella tal-Lunzjata (Salib tal-Għolja) u Kappella tal-Karmnu (Fawwara) (Flimkien ma' Julian Borg)

**Albert Pace**
**Dekasteri: Il-Qasam Soċjali u Integrazzjoni Soċjali**
Responsabiltajiet oħra:
- Għar Lapsi
- Kumitat Żona Ċentrali, Pjazza u l-Madwar (flimkien ma' Julian Borg)
- Dwal tat-Toroq
- Għajnuna u inizzjattivi Persuni bi bżonnijiet speċjali

## Seduti tal-Kunsill

Matul is-sena 2025, il-Kunsill Lokali ltaqa' għal ħmistax-il seduta uffiċjali, jiġifieri mis-Seduta Nru. 466 sas-Seduta Nru. 480. Minn dawn, is-Seduta Nru. 476 ġiet imsejħa b'urġenza sabiex jiġu indirizzati materji speċifiċi li kienu jeħtieġu deċiżjoni immedjata mill-Kunsill.

Dawn is-seduti servew bħala l-forum ewlieni għad-diskussjoni, il-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' diversi kwistjonijiet amministrattivi, finanzjarji u operattivi relatati mal-ġestjoni u l-iżvilupp tal-lokalità, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta).

## Attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti Jannar-Diċembru (id-9 leġislatura)

| Kunsillier | Preżenti | Assenti | Total ta' Seduti |
|---|---|---|---|
| Julian Borg | 15 | 0 | 15 |
| Ryan Cachia | 15 | 0 | 15 |
| Christopher Farrugia | 15 | 0 | 15 |
| Francine Farrugia | 8 | 1 | 9 |
| Dominic Grech | 6 | 9 | 15 |
| Albert Pace | 14 | 1 | 15 |
| Charles Vassallo | 14 | 1 | 15 |
| Stephanie Vassallo | 4 | 0 | 4 |




Din il-grafika turi l-attendenza tal-kunsilliera għas-seduti tal-Kunsill matul is-sena 2025.

L-attendenza tal-Kunsilliera għas-seduti tal-Kunsill matul is-sena 2025 turi impenn qawwi mill-maġġoranza tal-membri eletti, b'ħafna minnhom jattendu l-laqgħat kollha jew kważi kollha li saru matul is-sena.

## Ilmenti

*"Kull lokalità għandu jkollha Kunsill Lokali li jkollu dawk il-funzjonijiet kollha li jingħataw lilu b'dan l-Att."*

Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu kif previst fil-liġi, b'mod partikolari skont l-Att dwar il-Gvern Lokali (Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta).

Matul is-sena ġew irreġistrati kważi 700 rapport/ilment, kif ukoll madwar 6,000 talba relatata mas-servizz ta' ġbir ta' skart goff, li waslu permezz ta' telefonati, e-mails u mezzi elettroniċi oħra. Dawn kollha ġew indirizzati u trattati skont il-proċeduri stabbiliti tal-Kunsill.

Il-maġġoranza tal-ilmenti u t-talbiet jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej:

- Talbiet għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (kważi 6,000 talba)
- Qtugħ ta' ħaxix u tindif f'żoni rurali (102)
- Bozoz tat-toroq maqtugħa, ħsarat jew talbiet għal sostituzzjoni (279)
- Ilmenti relatati ma' tabelli u sinjali tat-traffiku, inkluż talbiet għal mirja (260)
- Tindif f'żoni rurali, knis u ġbir ta' skart (50)
- Ilmenti ġenerali oħra (60)

- Ilmenti relatati mal-infurzar u illegalitajiet (13)

Barra minn hekk, kuljum jiġu rreġistrati u solvuti numru ta' każijiet immedjati ("day-to-day"), fosthom nuqqas ta' ġbir ta' skart u rapporti ta' water leakages, rapporti ta' periklu u oħrajn li jiġu indirizzati fil-ħin tal-komunikazzjoni.

Jinnota li matul is-sena kien hemm tnaqqis fl-ammont ta' ilmenti, filwaqt li t-talbiet għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff żdiedu sostanzjalment. Dan huwa meqjus bħala żvilupp pożittiv, li jirrifletti għarfien akbar tar-residenti dwar is-servizzi offruti mill-Kunsill Lokali u użu aktar regolari tagħhom, flimkien ma' tnaqqis fir-rimi illegali.




Tipi ta' Rapporti u Talbiet (Sena)
Distribuzzjoni ta' rapporti u talbiet skont il-kategorija tas-servizz.

Il-Kunsill ressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta numru ta' rikjesti li rċieva mingħand ir-residenti, l-aktar komuni fosthom dawk relatati ma' tpinġija ta' double yellow lines fil-viċinanza tal-garaxxijiet sabiex jiġi assigurat aċċess liberu u bla xkiel.

Barra minn hekk, ġew irċevuti diversi ilmenti u rikjesti relatati ma' tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ li jservu bħala sostenn għat-triq, manutenzjoni u tiswija ta' toroq rurali u ta' bdiewa, kif ukoll rikjesti għal interventi infrastrutturali iktar maġġuri fuq in-netwerk tat-toroq.

Filwaqt li l-Kunsill jagħmel l-almu tiegħu biex jipprovdi servizz effettiv u jwieġeb għall-ħtiġijiet tar-residenti, hemm numru ta' rikjesti li ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu jew li ma jistgħux jitwettqu minħabba limitazzjonijiet finanzjarji u operattivi.

Madankollu, il-Kunsill ikompli jagħmel l-impenn u l-pressjoni neċessarja mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkisbu fondi u assistenza teknika għall-benefiċċju tar-residenti tal-lokalità.

Wara segwitu kontinwu mill-amministrazzjoni ma' entitajiet bħall-Enemalta, il-Water Services Corporation, kif ukoll ma' awtoritajiet tal-infurzar bħal LESA u l-Pulizija, il-maġġoranza tal-każijiet u l-ilmenti jiġu solvuti jew indirizzati b'mod effettiv.

L-amministrazzjoni tibqa' wkoll impenjata li tiżgura sodisfazzjon tar-residenti permezz ta' kuntatt u feedback regolari, kemm fuq servizzi relatati mal-ġbir ta' skart goff kif ukoll fuq kwistjonijiet ta' dawl u servizzi oħra. Il-Kunsill jikkollabora mill-qrib ukoll mal-awtoritajiet tal-infurzar sabiex dawk li jinqabdu jiksru l-liġi, partikolarment f'każijiet ta' rimi illegali, vandaliżmu jew illegalitajiet oħra, jiġu sanzjonati kif xieraq.

Dan l-impenn huwa msaħħaħ bl-użu ta' sistemi ta' sorveljanza, inklużi cameras tas-sigurtà installati mill-Kunsill fl-aħħar xhur, kif ukoll permezz ta' kollaborazzjoni kontinwa mal-awtoritajiet kompetenti.

**Ingaġġ ta' impjegati klerikali**

Fil-24 ta' Novembru, il-Kunsill Lokali rċieva ittra ta' riżenja mill-Assistent Prinċipal. F'Seduta 480 tal-15 ta' Diċembru, bħala sostituzzjoni għall-uffiċjal amministrattiv li kien se jtemm l-impjieg tiegħu fi Frar, jinħolqu żewġ pożizzjonijiet ġodda, jiġifieri Clerical Officer fuq Skala 15 u Office Assistant fuq Skala 16. Din il-proposta kienet immirata biex tissaħħaħ il-kapaċità tar-riżorsi umani fl-uffiċċju, sabiex il-Kunsill ikun jista' jlaħħaq aħjar mad-domanda dejjem tikber tax-xogħol, kif ukoll biex jittejbu l-proċessi ta' segwitu kemm ġewwa l-uffiċċju kif ukoll barra mill-uffiċċju skont il-bżonn.

**Allokazzjoni finanzjarja**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġie allokat mill-Gvern l-ammont ta' €860,473 għas-sena finanzjarja Jannar–Diċembru 2025, permezz ta' allokazzjoni diretta skont l-Artikolu 55 tal-Att dwar il-Gvern Lokali.

Din is-somma hija mqassma fuq diversi oqsma ta' nefqa kif ġej:

- Tisbiħ u manutenzjoni ta' ġonna, inkluż faċilitajiet sanitarji (€31,294)
- Manutenzjoni ta' toroq, inkluż tiswijiet, sinjali tat-traffiku u tindif urban u rurali (€464,711)
- Immaniġġjar ta' skart, inkluż ġbir ta' skart, bins-on-wheels u waste tipping fees (€162,308)
- Spejjeż amministrattivi (€192,161)

Barra minn hekk, il-Kunsill applika għal fondi addizzjonali taħt il-Fond għall-Bliet Kapitali, Ex-Belt Kapitali u Bliet, li permezz tagħhom ġiet approvata allokazzjoni supplimentari ta' €10,000.

Id-dħul prinċipali tal-Kunsill jibqa' dak riċevut mill-Gvern Ċentrali. Il-parti l-kbira tan-nefqa hija marbuta ma' kuntratti ta' servizzi essenzjali, inkluż tindif, manutenzjoni ta' toroq u infrastruttura relatata, kif ukoll sinjali u marki tat-traffiku.

Sfortunatament, parti sinifikanti mill-baġit tintuża wkoll biex jiġu rranġati ħsarat ikkawżati minn vandaliżmu u rimi illegali, fondi li setgħu jiġu investiti f'aktar proġetti ta' tisbiħ u titjib li minnhom igawdi l-komunità kollha.

Il-kuntratti maġġuri huma dawn:

- Ġbir ta' skart domestiku
- Tindif żona urbana
- Tindif żoni rurali
- Manutenzjoni ta' roundabouts u żoni pubbliċi
- Tindif ta' lattrini
- Servizz Ġbir ta' skart goff
- Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku
- Kuntratti infrastrutturali

Il-Kunsill Lokali jiġġenera wkoll dħul minn diversi permessi regolati mil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 441.04, inklużi permessi relatati ma' makkinarju, skips, mwejjed u siġġijiet, kif ukoll permessi għal postijiet bħal kiosks u attivitajiet oħra li jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-Kunsill Lokali. Din is-sistema hija ġestita permezz ta' pjattaforma diġitali online uniformi għall-Kunsilli Lokali kollha, li tikkontribwixxi għal aktar effiċjenza, trasparenza u standardizzazzjoni fil-proċess amministrattiv. Matul is-sena, id-dħul minn dawn il-permessi ammonta għal €40,482.

Barra minn hekk, il-Kunsill jirċievi wkoll ħlas mingħand il-LESA ekwivalenti għal 10% tal-multi mħallsa fl-Uffiċċju tas-Siġġiewi relatati ma' kontravenzjonijiet. Matul is-sena, dan id-dħul ammonta għal €5,420.

Għalkemm l-amministrazzjoni tal-Kunsill tipprovdi u tiffaċilita diversi servizzi lill-pubbliku f'isem awtoritajiet differenti, il-Kunsill ma jirċievi l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja fuq pagamenti oħra li jinġabru f'isem id-Dipartiment tal-Artijiet jew fuq liċenzji ta' negozju, peress li dawn jiġu amministrati u regolati minn entitajiet kompetenti oħra.

**Skemi Finanzjarji**

Dħul ieħor sinifikanti għall-Kunsill jiġi minn diversi skemi mnedija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll minn fondi tal-Unjoni Ewropea, li għalihom il-Kunsill japplika fuq bażi regolari.

Il-Kunsill jieħu dawn l-applikazzjonijiet b'sens kbir ta' serjetà u professjonalità, sabiex jiżgura li l-maġġoranza tagħhom jiġu sottomessi b'suċċess u b'hekk jinkisbu aktar riżorsi finanzjarji għal proġetti u inizjattivi kulturali li jġibu benefiċċju dirett lill-lokalità u lir-residenti.

Matul is-sena, il-Kunsill ibbenefika minn fondi taħt diversi skemi disponibbli, fejn il-ħidma kontinwa u metikoluża tal-amministrazzjoni żgurat li l-applikazzjonijiet ikunu konformi mar-rekwiżiti u għalhekk jikkwalifikaw għal finanzjament.

**Skema għal Attivitajiet Kulturali Annwali**
Għal din is-sena, il-Kunsill applika għall-fondi għal festa għeneb fejn ġie allokat finazjament ta' €18,000. Din l-attivita' ssir kull sena, b'kollaborazzjoni ma' diversi għaqdiet lokali. Attivita' li saret sinonima mas-Siġġiewi u daħlet ukoll fil-kalendarju kulturali.

Għall-Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka, il-Kunsill ġab €5000 għajnuna mill-MTA u €10,000 ingħataw mir-Reġjun Punent bħala fondi għall-kultura. Il-bilanċ tħallas minn fondi lokali.

Ir-Reġjun Punent iffinanzja wkoll €3000 f'għajnuna fondi kulturali għall-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi f'Marzu.

Attivita' tal-karnival mill-Għaqda Ħbieb tad-Dar tal-providenza setgħet issir peress ta' fiannzjament ta' €5000 minn skema apposta li l-Kunsill applika għaliha, filwaqt li saret ukoll attivita' kulturali marbuta ma' Haloween bi żjara fis-shelters tal-gwerra organizzata mill-Każin banda San Nikola b'koordinament mal-Kunsill Lokali.

**Skema għal manutenzjoni u sostenn ta' proġett infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**
Tlesta l-proġett infrastrutturali fi Triq ta' Bur il-Kbir, fejn saru numru ta' konok u tħawlu ammont konsiderevoli ta' siġar imdaqqsa indiġeni tul it-triq. Dan huwa wieħed mill-proġetti għal dan l-iskop, fejn hemm pjanati żieda ta' madwar 3000 siġra fil-lokal fis-snin li ġejjin. Dan il-proġett ġie aċċettat għal finanzjament ta' €30,000. Barra dan il-proġett, il-kunsill ħawwel ammont sostanzjali ta' siġar f'diversi nħawi fosthom tul Triq Salvu Borg Olivier, mad-dawra tal-iskola u oħrajn.

**Skema ta' tindif**
Għal din is-sena wkoll, il-Kunsill applika għall-iskema Clean Up The World fejn ġie finanzjat €1500 għal tindif fiż-żona rurali fejn tneħħa amont ta' terrapien mormi illegalment fil-kampanja. Barra dan, il-Kunsill applika u bbenefika minn €3000 mir-Reġjun Punet għal tindif estensiv fil-kampanja.

**Espressjoni ta' interess għal tranġar ta' binjiet pubbliċi**
Il-Kunsill Lokali issottomessa applikazzjoni biex issir manutenzjoni estensiva tal-beljt taċ-ċentru ċiviku. Din it-talba ġiet approvata. Inbidlu wkoll xi xorok u tiswijiet oħrajn fil-binja u qed issir il-manutenzjoni fuq il-bejt biex tiġi evitata ħsara.

**Skema Immoderniżżar ta' lattrini mir-Reġjun Punent**
ix-xogħol ta' rimordenizzar tal-lattrina fil-Girgenti tlesta wkoll mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet taħt din l-iskema. Dan jinkludi installazzjoni ta' handdryers u dawl awtomatiżżat, dbil ta' madum u fajjenza, tranġar fis-sistemi eżistenti, tindif u uplift tal-parti ta' quddiem il-lattrina.

**Skema komunitajiet aktar b'saħħithom**

Il-Kunsill applika b'suċċess għall-iskema SPI/SCI/07/2025- Finanzjament komunitajiet aktar b' saħħithom u ta' kwalita' biex issir upgrade totali tal-open gym fi Triq Mons FX Mangion. Inbeda il-proċess ta' Procurement biex jinbidel l-apparat, u l-art (safety flooring) għal wieħed iktar modern u sigur.

**Parteċipazzjoni fi Proġetti b'fondi Ewropej - CERV u Erasmus+**

Il-Kunsill applika b'suċċess għal proġett ieħor taħt il-programm Erasmus+, din id-darba bit-tema tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI) u ż-żgħażagħ, taħt l-isem Mindcraft, li se jiġi implimentat matul is-sena 2026. Dan il-proġett, li jinvolvi parteċipazzjoni minn ħames pajjiżi Ewropej, jinkludi avveniment prinċipali b'parteċipazzjoni ta' madwar 35 żagħżugħ u żagħżugħa mill-pajjiżi sħab. L-avveniment, li se jsir f'Malta f'Mejju 2026, se jiffoka fuq id-diskussjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, l-użu tagħha bħala għodda li tista' tgħin fil-ħajja ta' kuljum, kif ukoll l-importanza li wieħed jibqa' konxju u kawt dwar il-limitazzjonijiet tagħha u l-impatt tagħha fuq il-ħsieb uman. Id-diskussjonijiet se jindirizzaw ukoll il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-AI, bil-għan li jitrawwem approċċ aktar infurmat, kritiku u responsabbli fost iż-żgħażagħ Ewropej fir-rigward tal-użu tat-teknoloġiji diġitali ġodda. Il-Kunsill ġie allokat €32,000 għal dan il-proġett.

Din is-sena kompliet l-implimentazzjoni tal-proġett CERV EchoGreen, proġett li jitwettaq fuq medda ta' sena u nofs u li jinvolvi parteċipazzjoni minn 13-il pajjiż Ewropew. Matul din is-sena saru diversi attivitajiet importanti, inkluż il-ftuħ uffiċjali tas-serje ta' laqgħat f'Siġġiewi, kif ukoll żewġ avvenimenti internazzjonali f'Hungary f'Settembru u f'Bari f'Diċembru. Fadal żewġ attivitajiet oħra skedati għall-2026 fil-Latvja u fis-Slovenja. L-għan ewlieni tal-proġett EchoGreen taħt il-programm CERV huwa li jippromwovi l-parteċipazzjoni ċivika u jsaħħaħ il-kuxjenza dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ambjentali. Dan isir billi ċ-ċittadini jiġu involuti b'mod attiv f'azzjonijiet konkreti li jippromwovu s-sostenibbiltà u l-ġustizzja ambjentali, filwaqt li jsaħħu r-rabta tagħhom mal-valuri Ewropej komuni. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġie allokat is-somma ta' €158,580 għall-implimentazjoni.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi daħal fi sħubija ma' 13-il pajjiż Ewropew fil-proġett "GreenMove", immexxi mill-Greċja bħala l-pajjiż ewlieni. L-għan tal-proġett GreenMove huwa li jippromwovi stil ta' ħajja sostenibbli billi jinkoraġġixxi l-mobilità ekoloġika u l-użu ta' mezzi ta' trasport li jirrispettaw l-ambjent fost iż-żgħażagħ u l-komunità b'mod ġenerali. Il-Kunsill jemmen li proġetti bħal dawn ikomplu jsaħħu l-immaġni tas-Siġġiewi bħala lokalità impenjata b'mod attiv favur il-protezzjoni tal-ambjent u l-ġid komuni. Il-Greċja qed taqdi r-rwol ta' mexxej (lead partner) f'dan il-proġett, billi tikkoordina l-implimentazzjoni tiegħu bejn il-pajjiżi parteċipanti.

Matul din is-sena, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien ukoll parteċipi f'diversi proġetti Erasmus+ fejn ibbenefikaw żgħażagħ mil-lokalita' fi skambji fuq diversi temi.

Dawn il-proġetti mhux biss jiftħu orizzonti ġodda u tagħrif għar-residenti Siġġiwin, iżda wkoll jippromwovu l-lokalita' mal-pajjiżi Ewropej, kif filfatt hija waħda mill-funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali (Kap.363).

## Ambjent

### Investiment f'CCTV cameras

Permezz ta' ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u r-Reġjun Punent, ġew identifikati ħames siti fil-lokalità fejn se jiġu installati sistemi ġodda ta' CCTV sabiex tissaħħaħ is-sigurtà u jiġi mtejjeb il-monitoraġġ ta' żoni partikolari. Barra minn hekk, il-Kunsill approva u installa tliet kameras addizzjonali f'punti kritiċi fejn kien qed iseħħ rimi illegali ta' skart. Il-Kunsill se jkompli jaħdem mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti biex dawn l-abbużi jiġu indirizzati b'mod effettiv, filwaqt li jkompli jinvesti f'kampanji ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni biex ir-residenti jsiru aktar konxji tal-importanza tal-indafa u l-protezzjoni tal-ambjent, jużaw is-servizzi disponibbli u jimxu mal-iskedi tal-ġbir tal-iskart. Il-mira tal-Kunsill hija li fis-snin li ġejjin jitnaqqas l-ammont ta' skart imħallat u tiżdied il-kwantità ta' materjal riċiklat, li mhux biss iwassal għal ambjent aktar nadif iżda wkoll għal tnaqqis fl-ispejjeż tal-immaniġġjar tal-iskart, biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu allokati aktar riżorsi għal proġetti ambjentali oħra għall-ġid tal-komunità.

### Azzjoni fuq żvillup illegali fis-Siġġiewi

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi kompla jsegwi applikazzjonijiet ta' żvilupp fejn għamel numru ta' sottomissjonijiet quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar żvillup illegali u anki żvillup propost li nemmnu li se jdgħajjef l-ambjent estetiku tal-lokalita' tagħhna kif ukoll li jista jimpatta fuq is-saħħa u s-sigurta' tar-residenti u l-familji Siġġiwin. Apparti sottomissjonjiet quddiem l-Awtorita' kkonċernata, il-Kunsill jitlob ukoll li jsir infurzar effetiv fid-dawl ta' iżvillup illegali.

### Iktar ħidma favur l-indafa fil-lokalita'

Perjodikament, jiġu organizzati Clean Ups bl-involviment tal-għaqdiet tal-lokal, l-iskola primarja u NGO. Minbarra t-tindif, l-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li titqajjem kuxjenza, speċjalment mat-tfal għall-importanza tal-ambjent ta' madwarna.

Komplejna nsegwu mal-awtoritajiet biex isir tindif u taħmil ta' widien u tindif ta' terrapien mill-kampanja fejn l-ispiża għal dan it-tip ta' tindif dejjem tiżdied. Matul din is-sena tnaddfu diversi widien fosthom il-Wied ta' Għar Lapsi, Ta' Brija, u l-Wied tal-Ħesri.

Qed tiżdied l-inizjattiva minn diversi studenti biex jagħmlu sigħat ta' volontarjat ta' tindif fil-kampanja tas-Siġġiewi, ma' dawn jiżdiedu anke diversi għaqdiet, NGO's u anke individwi li jiddeċiedu li jagħti kontribut favur l-ambjent fis-Siġġiewi. Il-Kunsill dejjem iħajjar inizjattivi bħal dawn u flimkien mal-Uffiċjali tar-Reġjun Punent ngħinu fejn nistgħu anke niprovdu materjal għat-tindif u ġbir tal-iskart miġbur.

Il-Kunsill qed jaħdem ukoll mal-għaqdiet tal-lokal biex l-iskart wara festi u attivitajiet jiġi separat. Dan qed isir b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent fejn niprovdu diversi kontenituri u skip. Jidher li din qed taħdem tajjeb, tant li l-ammont ta' skart imħallat tal-festi naqas drastikament. Dan isarraf ukoll biex intaffu parti mill-ispiża. B'sodisfazzjon ngħidu li l-lokalita' tas-Siġġiewi kienet l-iktar lokalita' li naqqset l-iskart imħallat u allura żiedet is-separazzjoni ta' skart. Dan għin biex anka taffejna spiża ta' €3000 rifużjoni mir-Reġjun għal separazzjoni ta' skart kif suppost.

## Infrastruttura u sigurtà

### Proġett Family Park fis-Siġġiewi

Il-proġett tal-ġnien, li beda f'Ottubru 2021 taħt it-tmexxija tal-INDIS, issa tlesta b'suċċess u huwa lest biex jitgawda mill-komunità Siġġiwija. Il-manutenzjoni tiegħu se tkun ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Permezz ta' ftehim ma' Infrastructure Malta, il-Kunsill assigura li tul it-triq biswit il-ġnien, minflok bankina tal-konkos, tinħoloq medda bil-ħamrija fejn tħawlu siġar u arbuxelli biex jinħoloq spazju aktar ekoloġiku u jingħata pulmun aħdar fid-daħla tal-lokalità. Barra minn hekk, il-parti ta' wara tal-ġnien, li tagħti għaż-żona ta' Tal-Ħrieri, ġiet inkluża fil-pjanijiet ta' tisbiħ u se titkompla bit-tħawwil ta' madwar 80 siġra indiġena. Dan il-proġett ambjentali, li kien maħsub ukoll biex jinvolvi lit-tfal f'attivitajiet ta' tħawwil u edukazzjoni ambjentali, se jkompli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti u joffri spazju miftuħ ġdid għall-familji u l-komunità kollha.

### Toroq ġodda fis-Siġġiewi

Ix-xogħlijiet infrastrutturali mwettqa b'kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta komplew matul din is-sena u se jkomplu wkoll matul is-sena d-dieħla. Matul din is-sena mistennija titlesta l-parti ta' Triq Salvu Borg Olivier li tgħaddi tul il-ġnien kollu, filwaqt li beda wkoll ix-xogħol ta' twessigħ ta' Triq Ta' Bur il-Kbir wara talba magħmula mill-Kunsill Lokali sabiex titjieb l-aċċessibbiltà u s-sigurtà fit-triq. Minħabba konsiderazzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku, ix-xogħol ippjanat fi Triq Blat il-Qamar kellu jiġi pospost għal stadju aktar tard. Fl-istess ħin, komplew ukoll ix-xogħlijiet relatati mal-konnessjoni u t-tqegħid ta' servizzi tal-Enemalta f'diversi toroq tal-lokalità, bil-Kunsill Lokali jikkoordina kontinwament mal-entitajiet involuti sabiex jiġi żgurat li l-inkonvenjent għar-residenti jinżamm għall-minimu possibbli.

### Miżuri ta' sigurta' f'Toroq Siġġiwin

Il-Kunsill Lokali matul din il-leġiżatura ħa diversi miżuri sabiex jiżdied il-livell ta' sigurta' fit-toroq tagħna fosthom, installazzjoni ta' 3 Belisha lights crossings fi Triq Dun Manuel Zammit; Arranġamenti ġodda ta' one-ways fis-Siġġiewi, sabiex ntejjbu l-immaniġġjar tat-traffiku fil-lokalita', nagħtu aktar toroq lin-nies u lil dawk li jużaw ir-rota u fl-istess waqt ngħollu il-livell ta' sigurta' fit-toroq Siġġiwin; Miżuri addizjonali ta' sigurta' tabelli u senjaletika u mirja f'diversi toroq b'mod frekwenti.

**Sigurta' u manutenzjoni frekwenti fil-Bandli fi Triq Dr Nikola Zammit, il-gym miftuħ u l-park ta' Għar Lapsi**

Il-Kunsill Lokali jassigura sigurta', b'mod speċjali fejn jifrekwentaw it-tfal. Spezzjonijiet frekwenti, manutenzjoni u tiswijiet, anka fejn ikun hemm valdaliżmu biex nassiguraw li dawn il-postijiet jinżammi fi stat tajjeb u sigur. Barra minn hekk, isiru wkoll rapporti minn nies speċjalizzati fuq sigurta' biex nassiguraw l-istandard neċessarju. Barra minn hekk, hemm il-ħsieb biex fl-iskemi finanzjarji li ġejjin, il-Kunsill japplika għal rinnovazzjoni tal-apparat tal-bandli għal wieħed iktar attrajenti u modern. Dan ukoll biex iħajjar attivitá fiżika u benesseri taċ-ċittadini tas-Siġġiewi. Isiru rapporti annwali minn persuni kompetenti fil-bandli u ġonna madwar il-lokalita'.

**Proġett ta' Reading Garden fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**

Matul din is-sena, il-proġett tal-ġnien avvanza b'ritmu tajjeb permezz ta' koordinament kontinwu ma' Projects Green u xogħlijiet imwettqa minn kuntratturi tal-Kunsill, bil-għan li dan l-ispazju jkun lest u miftuħ għall-pubbliku sa Mejju 2026. Dan il-proġett huwa finanzjat mill-Project Green.

**Xogħolijiet b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi**

Tkompla l-proġett ta' bini mill-ġdid ta' bankini f'diversi toroq mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet fuq talbiet mill-Kunsill Lokali. Saru wkoll diversi toroq tal-bdiewa bil-konkos biex ikunu iktar aċċessibbli. It-total stmat għal dawn ix-xogħolijiet jeqreb id-€900k.

**Proġett Vjal Kulħadd**

Dan il-proġett, li qed jiġi ffinanzjat kompletament minn Infrastructure Malta b'investiment ta' madwar €700,000 fil-lokalità, jiffoka fuq it-titjib tal-bypass ta' Triq Mons. Mikiel Azzopardi, waħda mill-aktar toroq traffikużi u importanti fis-Siġġiewi. Il-proġett approvat jinkludi t-tħawwil ta' 229 siġra u arbuxell ġdid, il-ħolqien ta' 54 spazju ġdid għall-parkeġġ, 612 metru ta' cycle lane li tgħaqqad mal-inħawi rurali, madwar 3 kilometri ta' mogħdijiet sikuri għall-mixi, żewġ bus stops ġodda, tliet pedestrian crossings ġodda, kif ukoll 1,432 metru kwadru ta' wiċċ permeabbli bil-ħamrija sabiex jitnaqqas l-effett tas-sħana. Il-proġett jinkludi wkoll miżuri addizzjonali għat-tnaqqis tal-veloċità, titjib fl-aċċessibbiltà u disinn ġdid għar-roundabout eżistenti fuq in-naħa tal-Mqabba. Dan l-investiment jirrappreżenta pass importanti lejn żvilupp aktar sostenibbli u titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-komunità. Matul din is-sena komplew għaddejjin ix-xogħlijiet fuq dan il-proġett estensiv, li huwa mistenni jitlesta matul it-tielet kwart tas-sena 2026.

**Proġetti ta' Restawr u Ħarsien ta' Patrimonju Siġġiewi**

Kompla għaddej il-proġett ta' restawr u konservazzjoni tal-patrimonju kulturali tas-Siġġiewi, bil-ħidma ffukata fuq il-konservazzjoni tal-istatwa ta' San Pawl u n-niċċa ta' San Ġwann fi Triq San Nikola. Matul is-sena sar ukoll tindif u manutenzjoni ta' diversi plakek u monumenti oħra madwar il-lokalità, filwaqt li qed jinġiebu stimi professjonali għall-konservazzjoni tal-monument tat-tabib Nikola Zammit. Dawn l-interventi qed isiru bl-għajnuna ta' fondi addizzjonali ta' aġġustament li jammontaw għal €10,000, allokati sabiex jitkompla l-preservazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt storiku u kulturali tas-Siġġiewi għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Il-Kunsill qed isegwi mill-qrib ukoll il-proġett ambizzjuż tar-restawr taz-zuntier tal-Knisja mid-Dipartiment tax-xogħolijiet. Il-Kunsill qed isegwi wkoll il-proġett tar-restawr tal-Kappella tal-Lunzjata f'Tal-Għolja, proġett iffinanzjat mill-Gvern Ċentrali permezz tad-direttorat tar-restawr. Investiment kulturali ieħor ta' madwar 1.4 miljun ewro.

**Xogħolijiet fuq Widien fil-konfini tas-Siġġiewi**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ikompli jsegwi flimkien mal-awtoritajiet diversi xogħlijiet ta' tindif u manutenzjoni f'diversi widien fis-Siġġiewi, tneħħija ta' siġar invażivi u tħawwil ta' siġar indiġeni. Il-Kunsill insista wkoll mal-awtoritajiet biex jiġu installati barrikati, li jkunu jixirqu mal-ambjent filwaqt li jipprovdu sigurta' mat-telgħa ta' Għajn il-kbira. Ġew installati wkoll barrieri mat-telgħa tal-Munxar mal-barriera u ilqugħ għall-irdum. Inbidel ukoll ilqugħ mal-irdum ta' Ġebel Ciantar lejn l-irdum ta' Ħad Dingli. Sar ukoll xogħol estensiv ta' tiswija tat-triq quddiem il-barriera fi Triq il-Panoramika li kienet ilha snin tikkawża periklu u ħsarat.

**Xogħolijiet f'Għar Lapsi**

F'Għar Lapsi kompliet il-manutenzjoni kontinwa, speċjalment fix-xhur tas-Sajf. Minħabba nuqqas ta' tindif mid-Dipartiment ikkonċernat, il-Kunsill ħa ħsieb tindif bi spejjeż extra li jsir regolari kemm fil-bajja u anka fil-park għal matul is-Sajf. Diversi tiswijiet u manutenzjoni tal-lattrina ta' Għar Lapsi, manutenzjoni kontinwa tal-bandli għal aktar sigurtà.

Il-Kunsill isegwi b'mod kontinwu mad-Dipartimenti konċernati is-sigurta' fil-bajja, biex in-netting li jżomm il-blat jinżamm intatt għas-sigurta'.

**Iktar sigurta' fit-toroq**

Il-Kunsill Lokali qed ikompli jaħdem fuq diversi proposti ġodda relatati mal-immaniġġjar tat-traffiku bil-għan li jtejjeb is-sigurtà fit-toroq u l-fluss tal-vetturi fil-lokalità. Fost dawn hemm arranġamenti ġodda ppjanati għal Triq il-Knisja l-Qadima, Triq San Ġakbu u Pjazza San Nikola, li għalihom diġà tressqet applikazzjoni quddiem Transport Malta għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni meħtieġa. Fl-istess waqt, se jiġu implimentati t-tliet zebra crossings ġodda fi Triq Dun Manwel Zammit, flimkien ma' sinjali tat-traffiku ġodda u miżuri oħra ta' sigurtà fit-toroq sabiex titkompla titjieb is-sikurezza kemm għall-pedestrians kif ukoll għas-sewwieqa. Dawn l-interventi jiffurmaw parti mill-impenn kontinwu tal-Kunsill biex joħloq ambjent aktar sigur, aċċessibbli u effiċjenti għar-residenti u l-viżitaturi tal-lokalità.

**Proġetti ta' Mobilta'**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi qed jikkollabora ma' diversi NGOs fuq proġetti relatati mal-mobilità sostenibbli, bil-għan li minnhom jibbenefikaw it-tfal Siġġiwin. L-applikazzjoni mressqa għal wieħed minn dawn il-proġetti ġiet approvata b'suċċess u, b'koordinazzjoni mal-iskola tal-lokal, bdew id-diskussjonijiet u l-preparamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Walking Bus. Dan il-proġett għandu l-għan li jinkoraġġixxi lit-tfal jimxu lejn l-iskola f'ambjent sigur u organizzat, filwaqt li jippromwovi drawwiet aktar b'saħħithom u sostenibbli. Bħala parti mill-preparamenti, saret ukoll sejħa ta' interess għal School Grannies, li se jkollhom rwol importanti fl-assistenza u s-superviżjoni tat-tfal matul l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva.

## Kultura, Edukazzjoni u Sports

### Korsijiet edukattivi u Kuturali ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku

Matul din il-leġiżlatura, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kompla jespandi l-firxa ta' korsijiet u attivitajiet edukattivi offruti fiċ-Ċentru Ċiviku, bil-għan li jipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim u żvilupp personali għal persuni ta' kull età. Dawn il-korsijiet huma maħsuba kemm għaż-żgħażagħ, l-adulti kif ukoll l-anzjani, sabiex kulħadd ikollu l-opportunità jagħżel taħriġ li jinteressah u jkompli jiżviluppa l-ħiliet tiegħu. Il-korsijiet jiġu organizzati kemm direttament mill-Kunsill Lokali kif ukoll b'kollaborazzjoni mal-programm Lifelong Learning. Matul din is-sena ġew organizzati sessjonijiet ta' Zumba u Pilates, logħob tradizzjonali bħall-Biżżilla biċ-Ċombini, kors dwar is-sengħa u t-teknika tal-presepju, kors tal-kitba bil-Malti, kors tat-tpinġija għat-tfal, kors ta' drama, kif ukoll sessjonijiet ta' qari għat-trabi u l-ġenituri tagħhom. Ġie organizzat ukoll kors speċjalizzat għall-bdiewa dwar l-użu tal-bexx, li attira parteċipazzjoni numeruża. Barra minn hekk, bdew korsijiet ġodda tal-ħjata, tal-lingwi, tal-arti u crafts, kif ukoll diversi sezzjonijiet oħra ta' tagħlim, li komplew isaħħu r-rwol tal-Kunsill bħala ċentru attiv ta' edukazzjoni, kultura u żvilupp komunitarju.

### Attivitajiet sportivi

Ġew organizzati diversi attivitajiet sportivi b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Punent u l-għaqdiet tal-lokal fil-kumpless sportiv John Debattista.

### End of Year Race 2025

Għat-tieni sena konsekuttiva, u fuq inizjattiva ta' żewġ atleti lokali, il-Kunsill organizza ġirja jew mixja ta' 5 kilometri bl-għan li jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza. Din l-attività rriżultat f'suċċess ferm akbar milli mistenni, speċjalment meta wieħed iqis li f'dawn il-jiem isiru diversi attivitajiet fuq livell nazzjonali, b'żieda ta' parteċipanti fuq is-sena l-oħra. Din l-inizjattiva saret parti mill-kalendarju annwali tal-attivitajiet tiegħu.

### Attivitajiet Jum is-Siġġiewi 2025

Bħal kull sena, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ħejja programm varjat ta' attivitajiet b'rabta ma' Jum is-Siġġiewi 2025. Fost dawn insibu s-Serata tal-Mertu u l-Onorifiċenza Siġġiewi, attività ambjentali ta' tindif u tħawwil ta' siġar, kif ukoll ċerimonja ta' inawgurazzjoni ta' proġetti ta' restawr, u ntemmu bl-avveniment tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja.

Il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet jibqa' l-Mertu u l-Onorifiċenza Siġġiewi, fejn ġiet organizzata serata kulturali li fiha ġew rikonoxxuti persuni għal il-kontribut tagħhom fis-soċjetà f'diversi setturi, kif ukoll ingħata Ġieħ is-Siġġiewi lil persuna distinta għall-ħidma u s-servizz tagħhom favur il-lokalità tul is-snin.

### Mixgħela Ħamis ix-Xirka 2025

Għal sena oħra il-Kunsill Lokali Siġġiewi b'kollaborazzjoni mal-Għaqdiet Każin Banda San Nikola u l-grupp Armar Siġġiewi, tellajna l-attivita' tradizzjonali tal-mixgħela tas-Salib tal-Għolja u dik fi Pjazza San Nikola, li saret f'Ħamis ix-Xirka. Grazzi lil voluntiera kollha. B'mod partikolari dawk mill-Banda San Nikola, l-Grupp tal-Armar, l-Għaqda tan-Nar u l-Brass Band

għal għajnuna tagħhom sabiex għal sena oħra kellna attivita' ta' suċċess li attirat mijiet ta' persuni lejn is-Siġġiewi f'dik il-lejla. Dan l-avveniment ġie ffinanzjat interament minn fondi lokali. Is-suċċess ta' din l-attivita' hija l-għaqda u l-kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet lokali.

**Ġbir ta' fondi f'attivitajiet lid-Dar tal-Providenza**
Huwa ta' pjaċir għall-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi li jħabbar li fl-aħħar tas-sena 2025 ġiet ippreżentata s-somma ta' €8,703 lid-Dar tal-Providenza. Din is-somma nġabret permezz ta' diversi attivitajiet organizzati matul is-sena b'risq din il-kawża nobbli, fejn parti sinifikanti tal-fondi ġiet minn inizjattiva "End of Year Race".

## Ġemellaġġi

**Il-Belt ta' Bari fl-Italja**
Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kompla jsaħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħu mal-Belt ta' Bari. Il-Kunsill ta' Bari ġie involut ukoll bħala sieħeb f'proġett Ewropew taħt il-programm CERV immexxi mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, li jkopri attivitajiet fuq perjodu ta' sena u nofs. F'dan il-qafas, qed jiġu diskussi u kondiviżi ideat relatati ma' temi ambjentali u inizjattivi konġunti.

Barra minn hekk, permezz tal-GAL, il-Kunsill ġie mistieden sabiex jibda komunikazzjoni mal-GAL ta' Bari bil-għan ta' kollaborazzjoni potenzjali f'setturi komuni, inklużi l-biedja, il-vitikultura u l-kultura. F'Mejju 2025 ġiet organizzata wkoll ġita għal residenti Siġġiwin għall-festa ta' San Nikola f'Bari, li għaliha attendew madwar 50 persuna mil-lokalità.

**Il-Belt ta' Noto fi Sqallija**
Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi beda wkoll kuntatti mal-Kunsill ta' Noto fi Sqallija, fejn il-proċess ta' applikazzjoni għal kollaborazzjoni diġà ġie approvat mill-awtoritajiet lokali kompetenti, filwaqt li għad irid jitlesta l-proċess fuq in-naħa Taljana. Huwa previst li fis-sena 2026 jiġi ffirmat ftehim uffiċjali li jkopri kollaborazzjoni f'diversi oqsma.

Dan il-ftehim mistenni jinkludi:

- Kollaborazzjoni biex jiżdied it-turiżmu bejn iż-żewġ lokalitajiet
- Opportunitajiet ta' skambju bejn għaqdiet Siġġiwin u dawk ta' Noto
- Kooperazzjoni kummerċjali fil-qasam tal-prodotti lokali, inklużi l-biedja u l-vitikultura
- Inizjattivi konġunti fil-qasam kulturali

Huwa previst ukoll li jiġu organizzati żjarat għal residenti Siġġiwin, b'mod partikolari għall-Infiorata ta' Noto, fejn id-data proposta hija f'Mejju.

## Saħħa

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ħa l-arranġamenti neċessarji sabiex matul ix-xahar ta' Novembru ġiet organizzata l-amministrazzjoni tat-tilqim kontra l-Influwenza, il-Covid u tilqim ieħor, b'mod bla ħlas, permezz ta' kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa.

Matul is-sena, il-Kunsill kompla jsaħħaħ il-kollaborazzjoni tiegħu kemm mad-Dipartiment tas-Saħħa kif ukoll ma' studenti universitarji, fejn ġew organizzati sessjonijiet ta' screening tas-

saħħa, inkluż kontroll tal-pressjoni u l-livelli taz-zokkor fid-demm, kif ukoll taħdidiet edukattivi dwar ikel bnin u stil ta' ħajja sana.

Din is-sena wkoll, saret sessjoni mill-Awtorità tas-Saħħa Mentali (MHSA) f'Settembru, b'pjanijiet għal aktar sessjonijiet fil-futur. Barra minn hekk, il-Mobile Dental Unit żar il-lokalità u offra check-ups dentali bla ħlas, fejn ġiet espressa wkoll ix-xewqa li dawn is-servizzi jiġu ripetuti.

Il-Mobile Blood Donation Unit kienet preżenti fil-lokalità diversi drabi matul is-sena, u kkontribwiet sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni fil-kampanji ta' donazzjoni tad-demm.

## Servizz lil Anzjani Siġġiwin ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi

Iċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi joffri servizz ta' kuljum fejn jiġu pprovduti sessjonijiet ta' ħin b'xejn għall-anzjani tal-lokalità, b'enfasi fuq il-benesseri soċjali u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-komunità. F'dan il-kuntest, is-servizz ta' trasport "Silver-T" jipprovdi trasport bla ħlas għall-anzjani mid-dar tagħhom lejn iċ-Ċentru Ċiviku u lura, kif ukoll lejn diversi attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi joffri wkoll assistenza loġistika, inkluż assistenza fl-applikazzjoni tal-heritage apssport għall-anzjani u applikazzjonijiet oħra online, trasport u lifter għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru, kif ukoll appoġġ finanzjarju għal attivitajiet soċjali bħal festini f'okkażjonijiet speċjali u ħarġiet kulturali, bil-għan li tissaħħaħ il-kwalità tal-ħajja u l-inklużjoni soċjali tal-anzjani fil-komunità. Il-Kunsill jikkoordina wkoll diversi żjarat ta' studenti tal-mediċina għal testijiet b'xejn, dentistrija u esperti fuq saħħa, nutara u avukati għal sezzjonijiet edukattivi ta' nteress għall-anzjani, mhux biss li jattendu iċ-ċentru iżda miftuħa għal kulħadd.

### Attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali Siġġiewi

Il-Kunsill Lokali, matul din il-leġiżlatura, kompla jespandi l-programm ta' attivitajiet kulturali, soċjali u komunitarji, tant li llum għandu kalendarju stabbilit ta' attivitajiet li jiġu organizzati fuq bażi annwali. Parti importanti minn dawn l-inizjattivi hija l-involviment attiv ta' għaqdiet volontarji Siġġiwin, sabiex dawn ikunu parti integrali mill-organizzazzjoni u fl-istess ħin jingħataw opportunità biex isaħħu r-riżorsi u l-operat tagħhom. Fost l-attivitajiet li saru matul is-sena nsibu:

- Festin ta' San Valentinu għall-anzjani
- Festin ta' Jum l-Omm għall-anzjani
- Karnival fil-Pjazza tas-Siġġiewi b'kollaborazzjoni mal-Ħbieb tad-Dar tal-Providenza
- Attività tal-Halloween b'kollaborazzjoni mal-Każin Banda San Nikola
- Serata ta' Rikonoxximent u Onorifiċenza u l-Programm ta' Attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi
- Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka fil-Pjazza u fis-Salib tal-Għolja
- Festa tal-Għeneb fis-Siġġiewi – ċelebrazzjoni ta' tradizzjoni, kultura u snajja'
- Programm ta' attivitajiet fix-xahar ta' Diċembru inkluż il-Villaġġ ta' San Nikola
- Kampanji ta' tindif u edukazzjoni ambjentali
- Attivitajiet ta' taħwil ta' siġar
- "End of Year Race" b'risq id-Dar tal-Providenza

Dawn l-attivitajiet ikomplu jsaħħu l-ħajja komunitarja fil-lokalità u jikkontribwixxu biex tinħoloq parteċipazzjoni aktar wiesgħa fost ir-residenti u l-għaqdiet lokali.

**Sosten finanzjarju li Librerija Pubblika Karmenu Vassallo fis-Siġġiewi**

Matul din il-legizlatura tajna għajnuna bħal kull sena sabiex ngħinu il-Librerija Pubblika tas-Siġġiewi tkompli tissaħħaħ u toffri varjeta' akbar ta' kotba relevanti għaż-żminjiet tal-lum. Kull sena l-Kunsill jippreżenta numru ta' kotba kemm lill-iskola u anka lill-librerija biex irawwem l-importanza tal-qari mat-tfal minn eta' żgħira.

**Attivita' Letterarja – Jum il-Ktieb**

Matul din is-sena, fil-kuntest tal-attività letterarja il-Kunsill Lokali ta appoġġ lill-Iskola Primarja biex jiġi żviluppat spazju magħruf bħala "Under the Stairs". Dan l-ispazju, li qabel kien mhux utilizzat fil-binja tal-iskola, ġie trasformat f'żona attrajenti u edukattiva, imżejna b'mod kreattiv u mimlija kotba, informazzjoni u materjal ta' qari.

L-inizjattiva għandha l-għan li tħeġġeġ lit-tfal jieħdu ftit minuti matul il-ġurnata tagħhom sabiex jaqraw u jsaħħu l-interess tagħhom fil-qari u t-tagħlim.

Din l-attività saret b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Iskola Primarja u bil-għajnuna finanzjarja tar-Reġjun Punent, li kkontribwixxa sabiex dan il-proġett edukattiv ikun jista' jitwettaq b'suċċess.

## Għajnuna u kollaborazzjoni mir-Reġjun Punent

Il-Kunsill igawdi kollaborazzjoni sħiħa mar-Reġjun, b'mod partikolari mill-Managers responsabbli minn diversi setturi. Laqgħat regolari ta' aġġornament u segwitu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-implimentazzjoni tax-xogħol u għat-tisħiħ tal-kollaborazzjoni f'diversi proġetti konġunti.

Matul is-sena, il-Kunsill ibbenefika wkoll minn għajnuna finanzjarja u operattiva mir-Reġjun għal diversi inizjattivi, inkluż proġetti ta' tindif, tiżjin tat-toroq matul il-perjodu tal-Milied, kif ukoll attivitajiet u inizjattivi kulturali, rimborsi relatati ma' risk assessments, u ma' trasport f'attivitajiet. Ġiet ipprovduta għajnuna għal xiri ta' kotba għall-librerija pubblika, għall-installazzjoni u t-titjib ta' tabelli tat-traffiku u mezzi ta' sigurtà, kif ukoll għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' materjal informattiv dwar l-immaniġġjar tal-iskart li tqassam fid-djar tar-residenti.

## Għajnuna kontinwa lill-għaqdiet Siġġiwin

Matul is-sena, il-Kunsill Lokali pprovda għajnuna finanzjarja lil diversi għaqdiet Siġġiwin permezz ta' ftehim milħuq bejn il-Kunsill u l-għaqdiet rispettivi. Barra minn hekk, il-Kunsill assigura involviment kontinwu tagħhom fil-programm ta' attivitajiet organizzati, kif ukoll għamel disponibbli s-sala tal-Kunsill mingħajr ħlas għall-użu minn għaqdiet lokali.

Minn żmien għal żmien, il-Kunsill jorganizza wkoll laqgħat ta' konsultazzjoni mal-għaqdiet sabiex jisma' l-proposti u l-inizjattivi tagħhom, filwaqt li jħeġġeġ aktar kollaborazzjoni, parteċipazzjoni u ħidma konġunta għall-benefiċċju tal-komunità Siġġiwija.
Servizzi offruti u utilitajiet.

## Servizzi offruti u utilitajiet

Il-Kunsill Lokali, apparti l-ħidma amministrattiva u operattiva msemmija qabel, jipprovdi numru ta' servizzi essenzjali għall-komunità Siġġiwin. Fost dawn insibu:

- Ġbir ta' skart madwar il-lokalità kollha, inkluż iż-żoni rurali tas-Siġġiewi
- Servizz ta' knis u tindif madwar il-lokalità
- Servizz ta' ġbir ta' skart goff (bulky refuse)
- Servizz ta' landscaping u manutenzjoni ta' ġonna u żoni ħodor
- Servizz ta' manutenzjoni f'żoni mhux urbani, inkluż qtugħ ta' ħaxix ħażin u ġbir ta' annimali mejta
- Sostituzzjoni ta' bozoz tat-toroq fil-lokalità permezz tal-kuntrattur inkarigat
- Installazzjoni ta' sinjali tat-traffiku u xogħol ta' markings tat-toroq imwettaq mill-ħaddiema tal-Kunsill
- Diversi servizzi oħra online, kif ukoll assistenza f'servizzi amministrati minn awtoritajiet oħra kompetenti.

## Kuntatt mar-residenti

Il-Kunsill juża diversi mezzi ta' komunikazzjoni sabiex iżomm kuntatt kontinwu mar-residenti. Fost dawn hemm il-paġna uffiċjali ta' Facebook, li tiġi aġġornata b'mod regolari u kontinwu, kif ukoll il-Whatsapp Public Channel li jkun aġġornat b'avviżi u notifiki. Ir-residenti jagħmlu użu wkoll mill-messaġġi privati fuq din il-paġna sabiex jirrappurtaw ilmenti u kwistjonijiet, li jiġu segwiti u mwieġba mill-amministrazzjoni.

Barra minn hekk, is-seduti tal-Kunsill jiġu mxandra permezz ta' live streaming sabiex tiżdied it-trasparenza u l-aċċessibbiltà għall-pubbliku. Il-Kunsill jippubblika wkoll fuljett informattiv perjodikament sabiex ir-residenti jkunu aġġornati dwar il-ħidma u l-inizjattivi li jkunu għaddejjin. Skont il-bżonn, jitqassmu wkoll fuljetti tematiċi fuq suġġetti speċifiċi sabiex titkompla l-informazzjoni lill-pubbliku.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jtenni l-impenn tiegħu li jkompli jamministra l-fondi pubbliċi fdati lilu b'mod responsabbli, trasparenti u effiċjenti, sabiex jiġi żgurat l-aħjar valur għall-flus. Huwa jibqa' kommess li jkompli jwettaq il-funzjonijiet tiegħu sabiex itejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti Siġġiwin, u biex jikkontribwixxi lejn lokalità aktar nadifa, organizzata u sostenibbli, għall-ġid tal-komunità kollha mingħajr diskriminazzjoni.

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv

Il-Perit Julian Borg
Sindku

Rapport imressaq u approvat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi f'Seduta numru 487 tat-Tnejn 15 ta' Ġunju 2026.